MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 432/2010

**Angela Debattista, Nazzareno sive Rennie Debattista, Godwin Debattista, Ronald Debattista u Isabelle Debattista**

**Vs**

**Joanne Debattista u Braden Mamo**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jikkontestaw il-validita ta' ipoteka specjali li nghatat mill-konvenuta favur il-konvenut l-iehor fir-rigward tal-fond La Brise Marine, Triq it-Trunciera, Qawra. Qeghdin jitolbu wkoll li l-qorti tordna t-thassir tal-bejgh bl-irkant numru 39/2009. Jidher li l-imsemmi fond jifforma parti mill-gid ta' Angela Debattista u l-mejjet zewgha Joseph Debattisa. Il-partijiet l-ohra Debattista huma ahwa u jidher li l-wirt ta' missierhom

ghadu ma nqasamx. Madankollu l-konvenuta tat garanzija fuq sehem ta' parti minn ghaxra (1/10) indiviza fuq il-fond lil Braden Mamo, permezz ta' kuntratt pubblikat fl-20 ta' Marzu 2009.

Il-konvenut Mamo qieghed isostni li l-kawza hi dezerta ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12[1], u din is-sentenza tittratta din l-eccezzjoni.

Bhala fatti rilevanti ghal din id-decizjoni jigi rilevat li:-

i. Fid-29 ta' April 2010 giet prezentata l-kawza.
ii. B'digriet moghti fl-14 ta' Mejju 2011, il-kawza kienet appuntata ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010. Sa dakinhar il-konvenuti kienu ghadhom m'humiex notifikati.
iii. Braden Mamo pprezenta t-twegiba guramentata fid-19 ta' April 2011, minkejja li mill-atti ma jirrizultax li kienet giet kompletata l-procedura biex jigi notifikat skond l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Ghall-qorti meta Mamo pprezenta t-twegiba guramentata kien qieghed jaghti ruhu notifikat bl-atti.
iv. Fl-1 ta' Lulju 2011 Dr Chris Grima ta ruhu b'notifikat bl-atti ghan-nom tal-konvenuta Joanne Debattista.

Jibda biex jinghad li ghalkemm Mamo kien jaf li hemm kawza li fihom l-atturi qeghdin jikkontestaw dak li ghamlet Joanne Debattista, u dan qabel ipprezenta it-twegiba guramentata[2], ma jfissirx b'daqshekk li kien notifikat bl-atti ta' din il-kawza. Notifiki ta' atti gudizzjarji ssir bil-mod li jissemma fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12. Il-fatt li konvenut ikun jaf li saret kawza kontra tieghu, ma jfissirx li b'daqshekk hu notifikat.

Il-proceduri bil-miktub jinghalqu:-

i. Bil-prezentata tat-twegiba guramentata mill-konvenut/i.

[1] Ara risposta prezentata fid-19 ta' April 2011.
[2] Ara twegiba li pprezenta fl-14/9/2010 fl-atti tal-bejgh bl-irkant numru 39/2009 fl-ismijiet **Braden Mamo vs Joanne Debattista**.

ii. Bin-notifika tal-konvenut f'kaz li jaghzel li ma jwegibx fit-terminu kontemplat mil-ligi.

Certament li l-provvedimenti relatati mad-dezerzjoni tal-kawzi huma ntizi sabiex jizguraw li l-process jiehu l-kors tieghu u ma jkunx hemm bzonn dewmien bla bzonn. Attur li ma jiehu hsieb li jaghmel dak li hemm bzonn biex il-proceduri bil-miktub jinghalqu, ikun qieghed jilghab man-nar u jidhol fi spejjez bla bzonn.

M'hemmx dubju li r-regola generali hi l-proceduri bil-miktub ghandhom jinghalqu fi **zmien sitt (6) xhur minn meta tigi prezentata l-kawza**. Fir-realta nafu li meta tigi prezentata kawza, ir-rikors guramentat ma johrogx minnufih ghan-notifika tal-konvenut. In-notifika tinhareg wara li jinghata digriet mill-qorti li lilha tkun giet assenjata l-kawza. Ovvjament l-attur m'ghandux kontroll meta l-qorti taghti ordni simili. Il-qrati, f'tentattiv biex jirrimedjaw ghal din l-anomalija, interpretaw dan il-provvediment li jfisser li s-sitt xhur jiddekorru minn meta l-avviz ta' smiegh jinhareg ghan-notifika. F'dan il-kaz l-avviz ta' smiegh inhareg fl-14 ta' Mejju 2010. Ghalhekk kienu ghaddew biss 15 il-jum mid-data tal-prezentata tal-kawza sakemm il-qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh.

F'kull kaz pero l-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li:-

*"Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-miktub f'kawza m'humiex maghluqa, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minhabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi procedura jew formalita."*.

Mill-atti hu evidenti li l-qorti qatt ma tatx provvediment taht l-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12. L-eccezzjoni ta' dezerzjoni nghatat fid-19 ta' April 2011 u ma jirrizultax li fis-seduta li kien imiss, dik tat-13 ta' Mejju 2011, inghatat xi ordni skond din id-disposizzjoni tal-ligi. Dakinhar kull ma qalet il-qorti kien li l-kawza kienet qeghda tigi differita ghall-1 ta'

Lulju 2011 ghan-notifika tal-konvenuta Debattista. Fil-fatt dakinhar deher l-avukat Dr Chris Grima u filwaqt li assuma l-atti ghan-nom ta' Debattista, ta ruhu b'notifikat bl-atti tal-kawza. Illum il-proceduri bil-miktub huma maghluqin. Hu evidenti li bis-sahha tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 il-qorti nghatat l-ghodda biex jigi evitat li kawza tmur dezerta. Gialadarba l-proceduri bil-miktub huma maghluqin, m'hemmx htiega li jinghata xi provvediment taht l-Artikolu 963(3). Din il-qorti tifhem li kif ghandha d-dmir taghti provvediment fil-kaz fejn is-sitt (6) xhur ikunu ghaddew u l-proceduri bil-miktub ikunu ghadhom ma ghalqux, ghandha d-diskrezzjoni li ma tiddikjarax il-kawza dezerta fejn jirrizulta li l-proceduri bil-miktub huma maghluqa minkejja li ghaddew sitt (6) xhur.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Mamo u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u Mamo. Il-qorti qeghda tordna hekk ghaliex hi tal-fehma li l-atturi kellhom ikunu iktar pro-attivi biex il-konvenuti jigu notifikati fi zmien sitt xhur.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------